MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## EDWINA GRIMA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 1397/2002/1

***M. Demajo (Wines & Spirits) Ltd.***

***vs***

***Stratford Company Ltd.***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-31 ta' Mejju, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u tmienja u sittin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm868.58) rappresentanti prezz ta' merci mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-20 ta' Frar 2002 u bl-imghax mill-1 ta' Dicembru 2001 kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta’ konvenuta debitament notifikata bil-procedura tal-pubblikazzjoni a tenur ta’ l-artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Natasha Sciberras ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tmien mija u tmienja u sittin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm868.58), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tal-20 ta’ Frar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------